MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2024

Appell Inferjuri Numru 10/2023 LM

**Wendy Bianchi (K.I. nru. 524394(M))**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fis-26 ta' April, 2023, numru 168/2023 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], li permezz tagħha ddeċida li jilqa' l-appell tar-rikorrenti **Wendy Bianchi (K.I. nru. 524394(M))**

[minn issa 'l quddiem 'l-appellata'], filwaqt li ddikjara nulla u mingħajr effett id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tal-11 ta' April, 2022.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tal-11 ta' April, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant'], fejn filwaqt li kkunsidra li t-tifla tagħha Zaleishia ma kinitx għadha tagħmel parti mill-*household* tagħha, u għalhekk hija kienet tħallset żejjed is-somma ta' €1,059.52 f'*Allowance* tat-Tfal u €59.25 fis-Suppliment tal-*Allowance* tat-Tfal għall-perijodu bejn it-28 ta' Awwissu, 2021 u 1 ta' Lulju, 2022, infurmaha li dan l-ammont kien ser jitnaqqas bir-rata ta' 30% mill-*Allowance* tat-Tfal u/jew xi benefiċċji oħra li hija kienet tirċievi mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

**Mertu**

3. L-appellata appellat minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru fil-25 ta' April, 2022, fejn ikkontestat id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat, filwaqt li spjegat ċ-ċirkostanzi tagħha.

4. Id-Direttur Ġenerali appellant wieġeb fis-16 ta' Novembru, 2022 fejn huwa wkoll spjega ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, filwaqt li sostna li d-deċiżjoni tiegħu kienet tajba u skont il-liġi, u għalhekk kellha tiġi kkonfermata mill-Arbitru.

## Id-deċiżjoni appellata

5. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Konsiderazzjonijiet***
>
> *Effettivament id-deċiżjoni tad-Direttur kienet ibbażata fuq rapport anominu li wassal għal żjara relattiva. L-appellant tat raġuni ta' skola bħala l-kawża li wasslet sabiex bintha l-aktar ma tgħix kienet ma' ommha. Illum it-tifla reġgħet lura b'mod totali għand l-appellanti.*
>
> *L-Arbitru huwa tal-fehma illi l-appellanti tat spjegazzjoni li tagħmel sens dwar kif u meta bintha qed tgħix magħha u ma' ommha. Jidher li dana kien sagrifiċċju ġustifikat.*
>
> *Għaldaqstant l-Arbitru jilqa' l-appell u jiddikjara d-deċiżjoni tad-Direttur tal-11 ta' April 2022 fuq imsemmi bħala nulla u bla effett."*

## L-Appell

6. Id-Direttur Ġenerali appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-31 ta' Mejju, 2023 fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tal-11 ta' April, 2022, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellata. Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (i) l-Arbitru naqas milli japprezza sew il-provi; u (ii) l-Arbitru naqas milli japplika korrettement id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318.

7. L-appellata għażlet li ma tippreżenta l-ebda risposta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tad-Direttur Ġenerali appellant, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata.

9. Għal dak li jirrigwarda <u>l-*ewwel aggravju*</u> tiegħu, id-Direttur Ġenerali appellant jibda biex jispjega ċ-ċirkostanzi li wasslu għad-deċiżjoni tiegħu. Jgħid li mir-rapport investigattiv li tħejja wara l-ispezzjoni li saret fit-23 ta' Frar, 2022 sussegwenti għal rapport anonimu, li l-appellata kienet qiegħda tifforma familja flimkien mas-sieħeb tagħha, irriżulta li bintha Zaleishia ma kinitx qiegħda tgħix magħha, filwaqt li kienet tirċievi *Allowance* tat-Tfal għall-istess bintha. Id-Direttur Ġenerali appellant hawnhekk jagħmel riferiment għal dak li qalet l-appellata fl-appell tagħha quddiem l-Arbitru, u jikkontendi li dan jikkontrasta sew ma' dak li qalet lill-Ispetturi *a tempo vergine,* kif ikkonfermat wkoll bil-ġurament mill-Ispettur Caroline Vella. Jgħid li filfatt il-verżjoni tal-appellata kif spjegata quddiem l-Arbitru kienet iktar viċin din il-verżjoni tal-aħħar, u jsostni li kuntrarjament għal dak li kkonstata l-Arbitru, il-kwistjoni ma kinitx li Zaleishia kienet qegħda tgħix l-aktar ma' ommha milli magħha, imma li din kienet qiegħda effettivament tgħix magħha.

Dwar <u>*it-tieni aggravju*</u>, id-Direttur Ġenerali appellant jispjega li l-Arbitru kien applika skorrettement id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318, għaliex minkejja li rriżulta li bint l-appellata ma kinitx qiegħda tgħix magħha, huwa laqa' l-appell tagħha u ħassar id-deċiżjoni tiegħu. Huwa jagħmel riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 76 tal-Kap. 318, u anki għal dawk tal-artikolu 83 tal-istess liġi, u jsostni li ġaladarba bint l-appellata ma kinitx qiegħda tgħix magħha,

hija ma kellhiex dritt li tirċievi l-benefiċċju in kwistjoni. Id-Direttur Ġenerali appellant jinsisti hawnhekk ukoll li l-Arbitru naqas milli japplika l-prinċipji tal-ekwità u tal-ġustizzja skont is-subartikolu 108(9) tal-Kap. 318, u jgħaddi sabiex jagħmel riferiment għad-dispożizzjonijiet tiegħu u anki għal dak li qalet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Ġunju, 2006, fl-ismijiet **Servolo Sciberras *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali** in sostenn tal-argument tiegħu. Jagħlaq is-sottomissjonijiet tiegħu billi jsostni li huwa ma jistax iħalli l-abbuż għaddej, u għaldaqstant kellu kull dritt u obbligu li jiġbor l-ammont li tħallas żejjed lill-appellata skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 102(1) tal-Kap. 318.

10. Il-Qorti tikkunsidra li l-Arbitru kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu. Mill-verbal tas-seduta tat-30 ta' Novembru, 2022 jirriżulta li skont l-appellata stess, hija kienet qiegħda tgħix ma' ommha, iżda wara li marret toqgħod in-nanna tagħha hemm ukoll, hija telqet minn hemm u marret tgħix Ħaż-Żabbar mat-tifel minuri tagħha ta' sentejn. Mir-rapport tal-Ispetturi jirriżulta li filfatt l-appellata kienet qaltilhom waqt iż-żjara tat-23 ta' Frar, 2022, li hija kienet telqet mingħand ommha ftit xhur qabel f'Awwissu 2021, iżda Zaleishia baqgħet tgħix ma' ommha. Dan il-fatt aħħari joħroġ ukoll mill-verbal appena msemmi, u l-Qorti tikkunsidra li kuntrarjament għal dak li qiegħed jissottometti d-Direttur Ġenerali appellant, l-Arbitru għaraf tassew x'kienet is-sitwazzjoni tal-appellata, iżda għaraf ukoll li l-ispjegazzjoni li offriet l-appellata għal din is-sitwazzjoni tagħha kienet waħda aċċettabbli u ġustifikata fiċ-ċirkostanzi. Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-Arbitru, u żżid tgħid li d-deċiżjoni tal-appellata li tħalli t-tifla tagħha ma' ommha kienet waħda raġonevoli, tenut kont tal-ispjegazzjoni tagħha li ommha kienet toqgħod viċin l-iskola fejn kienet tmur bintha ġewwa l-

Isla, filwaqt li hija kienet marret toqgħod Ħaż-Żabbar, u ma xtaqitx tqajjem kmieni lit-tifel tagħha ta' sentejn sabiex twassalha kull filgħodu. Il-Qorti tagħraf li dan seħħ proprju fix-xhur tal-iskola, u kif irrileva l-Arbitru, illum it-tifla Zaleishia qiegħda tgħix ma' ommha, hekk kif il-Qorti tifhem li t-tifel illum huwa wkoll għandu l-età li jmur l-iskola. Għalhekk ma jirriżultax li qatt kien hemm xi intenzjoni li l-minuri Zaleishia kellha tgħix ma' omm l-appellata, iżda biss li tagħmel il-lejl hemm sabiex l-għada tkun tista' twassalha n-nanna tagħha l-iskola. Filfatt mill-appell li l-appellata ppreżentat quddiem l-Arbitru, din tispjega kif kienet tmur hi għal bintha fil-ħin li tispiċċa l-iskola u teħodha d-dar magħha.

11. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-ewwel aggravju tad-Direttur Ġenerali appellant ġustifikat, u tiċħdu. Peress li jirriżulta li effettivament il-kura tal-minuri Zaleishia baqgħet dejjem f'idejn ommha l-appellata, isegwi li t-tieni aggravju tad-Direttur Ġenerali appellant ukoll mhux ġustifikat, u l-Qorti tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant billi tiċħdu u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**